55

MASTERPLAN NAZZJONALI

31/8/17

"L-Onor Marlene Farrugia tipproponi li:

Fid-dawl tal-fatt illi numru ta' proġetti kbar, li jokkupaw meded kbar ta' art pubblika jew privata, u li jistgħu jinkludu diversi binjiet għoljin wisq aktar mill-medja eżistenti f'pajjizna, jidhru li qed jiġu proposti u anke qed jingħatu permess biex jinbnew;

Fid-dawl tal-fatt illi għadu ma tlestietx *masterplan* nazzjonali studjat u konsultat, li jista jigwida x'inhu il-bżonn preżenti u futur ta' pajjiżna fejn jidħol żvilupp ta' din ix-xorta;

Fid-dawl tal-fatt li l-impatt infrastruttarali, ambjentali, estetiku, soċjali u kulturali kif ukoll dak ekonomiku għadhom ma ġewx studjati fuq bażi wiesgħa li tinkludi l-proġetti kollha li hemm ppjanati li jimmaterjalizzaw;

Fid-dawl tal-fatt, li għadha ma twaqqafx Design Review Panel indipendenti, hekk kif mitlub mill-Kamra tal-Periti sabiex jaħdem flimkien mal-izviluppaturi u d-diżinjaturi tal-istess żviluppaturi, sabiex kull żvilupp ikun jikkumplimenta dak li jeżisti jew li jkun diġa approvat mill-Istituzzjonijiet tal-Ippjanar, għal raġunijiet ta' sbuħija, tqassim ta' spazji, prattiċita, sinerġizmu infrastrutturali u raġunijiet oħra;

Fid-dawl tal-fatt li għad għandna nuqqasijiet kbar fil-qafas legali tagħna fejn tidhol gwida sabiex jiġu ndirizzati kwistjonijiet ta' 'ownership', manutenzjoni, u żmien u mezzi għar-riġenerazzjoni/ twaqqih ta' dawn il-binjiet meta jiskadi ż-żmien tagħhom;

Fid-dawl tal-fatt li art pubblika ma tistax tiġi valutata bis-serjeta sakemm dan il-MASTERPLAN jkun komplut sabiex ikun ċar x'jista' jinbena u fejn; u

Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet u tad-dibattitu nazzjonali li għaddej dwar fejn irridu nieħdu lil pajjiżna saħansitra fejn jidħol prodott turistiku, kif ukoll is-sostenibilita' tal-ekonomija, u saħħet fiżika, soċjali u mentali ta' min jgħammar f' dal-gżejjer;

DIN IL-KAMRA tapprova li minnu fih għandu jitħejja Masterplan Nazzjonali studjat bir-reqqa għax b' hekk biex nistgħu nindirizza il-vera bżonnijiet ta' pajjiżna f' dawn l-oqsma.

DIN IL-KAMRA tirrizolvi li tinkoraggixxi lill-Gvern biex dan il-masterplan u leġislazzjoni relevanti jitlestew fi zmien raġonevoli u stipulat , sabiex l-investituri ikunu jistgħu jippjanaw l-investimenti tagħhom , u jserħu rashom li n-negozju li ser jagħmlu ser ikun protett minn fair play, filwaqt li n-nies jiehdu value for money għall-art pubblika tagħhom, u jkunu jistgħu jippjanaw ħajjithom speċjalment dawk illi diġa jgħixu f'żoni li ser ikunu direttament milquta minn żviluppi ta' din ix-xorta, kemm il-darba dawn l-iżviluppi jsiru.

Sekondant

Marlene Farrugia M.P

Dr Godfrey Farrugia